MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 9

18 ta' Frar 2025

Minuti tas-seduta Nru. 9 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta,18 ta' Frar 2025 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti minbarra l-Kunsillier J. Buttigieg li talab li jiġi skużat peress li kien indispost.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 8 tad-29 ta' Jannar 2025 tħallew għas-seduta li jmiss, appuntata għas-26 ta' Frar 2025.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

2.1. Ma tqajmu ebda materji mill-minuti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

3.1. Ma saret ebda mistoqsija.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Stqarrijiet Finanzjarji 2024

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

5.1. Ma nqrat ebda korrispondenza.

**6.1. L-Istqarrijiet Finanzjarji tal-Kunsill 2024** **(F/1/2/Vol IX)**

6.2. Attenda għal din il-parti tas-seduta l-*accountant* is-Sur D. Galea sabiex jispjega l-istqarrijiet imsemmija, li kopja tagħhom ġiet imqassma lill-kunsillieri qabel is-seduta. Ġie spjegat li l-i*Statement of Comprehensive Income* għall-2024 juri li kien hemm dħul rikorrenti ta' €1,553,242, kontra nefqa rikorrenti ta' €1,753,066, biex b'hekk is-sena spiċċat b'bilanċ negattiv ta' €200,000.

6.3. Is-Sur D. Galea kompla jispjega li d-dħul mill-Gvern Ċentrali ammonta għal €1,434,946. Kien hemm dħul ta' €12,708 marbut ma' attivitajiet fil-beraħ, korsijiet, użu ta' faċilitajiet, permessi għat-tqegħid ta' *skips* eċċ. Kien hemm dħul ieħor mis-Sistema tal-Infurzar Lokali ta' €12,138, kif ukoll ieħor ta' natura ġenerali li ammonta għal €93,450. Dan kien ġej minn kontribuzzjonijiet li rċieva l-Kunsill, bejgħ ta' kotba, kirjiet, ħruġ ta' permessi eċċ. Irriżulta li kien hemm żieda ta' €6,386 fuq tas-sena preċedenti.

6.4. In-nefqa fuq il-pagi tal-impjegati, flimkien mal-onorarja u l-*allowances* tal-membri eletti laħqet €228.,177.

6.5. In-nefqa fuq l-Operat u l-Manutenzjoni ammontat għal €845,022 u n-nefqa fuq l-Amministrazzjoni, li tinkludi d-deprezzament fuq l-assi permanenti ammontat għal €679,876. Fil-fatt d-deprezzament fuq l-assi permanenti żdied b'€120,000 fuq is-sena 2023 u issa qed jammonta għal €64,107 li ċertament qed iħalli effett sostanzjali fuq l-infieq tal-Kunsill Lokali.

6.6. Is-Sur D. Galea spjega li l-kumplament tal-ispejjeż kienu kważi bħal dawk tas-sena 2023. Anke fejn jidħlu riservi, l-ammont baqa' dak bħal tas-sena 2023. U li kieku l-Kunsill kellu jneħħi l-ammont fejn jidħol deprezzament tal-assi, il-Kunsill kieku kien ikun għamel tfaddil ta' madwar €165,000.

6.7. Is-Sur D. Galea spjega wkoll li l-Kunsill għandu bilanċi fil-banek li jammontaw għal madwar €3,000,000 li minnhom €1,500,000 huma kommessi fejn jidħlu proġetti kapitali. Fil-fatt f'nota 20 tal-unaudited financial statements hemm il-lista ta' proġetti kapitali li l-Kunsill qabel li jiġi nklużi fil-Baġit għas-sena 2025. Min-naħa l-oħra l-Kunsill għandu daqshekk ieħor f'fondi li mhumiex kommessi.

6.8. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar staqsiet f'hiex kienet tikkonsisti ż-żieda fl-ispejjeż fejn jidħlu Studies and Consultations. Is-Sur D. Galea wieġeb li fl-2024 il-Kunsill ħallas għal servizzi professjonali ta' Perit biex applika għall-Iskema Vjal Kulħadd u f'dan l-account daħlu wkoll l-ispejjeż li kien hemm involuti mal-proġett ta' Panoramic Lift liema proġett kellu jaqa' peress li l-Kunsill ma kisibx il-permessi neċessarji biex jimplimentah.

6.9. Is-Sindku G. Micallef irrimarka li l-ammont sostanzjali fejn jidħol id-deprezzament fuq l-assi permanenti tal-Kunsill li kull sena qed jiżdied, qed jitfa' lill-Kunsill f'pożizzjoni fejn il-Kunsill qed ikollu joqgħod lura milli jinvesti fejn tidħol in-nefqa rikurrenti meta tqis li fin-nefqa rikurrenti jidħlu kuntratti importanti ferm fil-ħidma tal-Kunsill. Huwa kompla jgħid li l-Kunsill ħa jkun qed jaħdem b'75% tal-allokazzjoni tiegħu minħabba dan il-fatt.

6.10. Is-Sur D. Galea wieġeb li l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa tant għamel investiment matul is-snin li affettwa d-deprezzament. Huwa żied jgħid ukoll li sfortunatament l-unaudited financial statements jinħadmu fuq template ipprovduta apposta mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali liema template ma tatikx il-possibilità li tniżżel noti fiha. Madanakollu d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali huma konxji tal-mod kif qed jinħadem id-deprezzament tal-assi tal-Kunsill u kif dan qed jaffettwa b'xi mod in-nefqa rikurrenti.

6.11. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri staqsa kemm hu l-buffer li l-Kunsill irid ikollu fejn jidħlu riservi. Is-Sur D. Galea wieġeb li l-Kunsill irid ikollu buffer ta' 10% tal-allokazzjoni li huwa jirċievi.

6.12. Il-Kunsill approva l-istqarrijiet finanzjarji u ddeċieda li dawn għandhom jiġu mgħoddija kif ippreżentati lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

7.1. **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

7.2. Ma ġiet imressqa ebda skeda.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fis-7:00pm, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 26 ta' Frar 2025 fil-5:30 pm.

Gabriel Micallef
**Sindku**

Marica Gambin
**DeputatSegretarju Eżekuttiv**